**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Carmel Camilleri

*versus*

Alan Spiteri

**Inċident Awtomobilistiku - Danni - Prova - Grad ta'**

*Kawża dwar danni konsegwenti għal inċident awtomobilistiku. Forsi l-aktar sinifikattiv fis-sentenza huwa l-proċess u l-metodu ta' ri-eżami tal-provi minn Qorti ta' Revizjoni, li f'versjonijiet kontradittorji, perizja teknika mhux neċessarjament konklussiva attribwiet piż lill-konkluzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti u n-nuqqas ta' l-appellant li jforni grad ta' prova qawwija bizzejjed fuq bażi ta' probabilità li tiġġustifika t-talbiet tiegħu.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata fid-9 ta' Frar, 1994 l-esponenti wara li ppremetta li fid-9 ta' Jannar, 1994 waqt li kien għaddej minn Santa Venera By-Pass bil-vettura tiegħu Marina numru tar-reġistrazzjoni C-4255 huwa safa' involut f'inċident awtomobilistiku mal-karozza Austin 1100 numru tar-reġistrazzjoni R-9973 misjuqa mill-konvenut, għal-liema inċident kien jaħti unikament il-konvenut stante li b'imperizja, b'imprudenza, bi traskuraġni u b'nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku huwa baqa' dieħel fuq il-vettura ta' l-esponenti bir-riżultat li kkaġunalu danni, talab lill-Qorti sabiex: tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident imsemmi; tillikwida d-danni kkawżati lill-esponenti fl-inċident *occorrendo* periti *nominandi* kemm-il darba jkun il-każ; u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali relattivi;

Illi b'nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-1 ta' Marzu, 1994 il-konvenut eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti m'għandu l-ebda ħtija fl-inċident awtomobilistiku;

B'sentenza ts-6 ta' Ottubru, 1995 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili filwaqt li laqgħet l-eċċezzjoni avvanzata mill-konvenut ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tiegħu;

L-attur ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravju li l-Ewwel Qorti ma għarblitx sew il-provi mressqa billi:

Irriżulta mix-xhieda mogħtija mill-Perit Ġudizzjarju, William Cassar Torregiani, li fuq wara tal-vettura Marina Van bin-numru tar-reġistrazzjoni C-4255, proprjetà ta' l-appellant,

kien hemm traċċi ta' żebgħa li, "kienu pjuttost wesgħin sa massimu ta' erba' jew tliet pulzieri u nofs" (*vide* xhieda tal-perit tekniku fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 1994);

F'dan ir-rigward il-perit tekniku ssottolinea: "peress li l-konvenut kien żamm il-*front panel* ta' din il-karozza, jiena xorta stajt neżamina t-traċċi taż-żebgħa li kien hemm fuqha ... Jiena eżaminajthom bil-mikroskopju u nista' ngħid li huma simili ħafna". Affermazzjoni li ma ngħatat l-ebda konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti li fil-kamp ċivili l-kawżi jiġu deċiżi fuq bilanċ ta' probabilità;

Kuntrarjament għal dak li ddikjarat l-Ewwel Qorti il-posizzjoni tad-daqqiet fuq il-vetturi rispettivi jikkonfermaw kemm it-teżi ta' l-appellant hija korretta. Di fatti kif jirriżulta mir-ritratt esebit mill-appellat stess fl-atti proċesswali, il-vettura misjuqa minnu ġarrbet ħsara fuq quddiem, sewwa sew fix-xibka, fil-*bonnet* u fil-*bumper*, liema ħsarat juru li l-vettura ta' l-appellat tabilħaqq ġiet f'kuntatt fiżiku mal-vettura ta' l-esponenti;

L-appellat jikkontendi li waqt li kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata tax-xellug hu tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, skidja u ħabat mal-ħajt fuq ix-xellug tal-vettura. Kieku kellha tiġi aċċettata din il-versjoni, wieħed mingħajr ma jrid jistaqsi kif setgħat għalhekk saret dik il-ħsara kollha fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura?

L-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni dak li qalet ix-xhud Charmaine Grech Damato *a tempo vergine* lill-uffiċjal tal-pulizija li nvestiga l-każ u ċjoè li: "l-uniku diskors li qaltli dak in-nhar ta' l-inċident kien li kienet fil-karozza ma' ommha u rat żewġ karozzi deħlin ġo xulxin" (*vide* deposizzjoni ta' P.S. 822 Mario Agius tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 1994).

Versjoni li hija dijametrikament opposta ghal dik li l-istess xhud tat fis-seduta tat-28 ta' Ġunju, 1995 u li meħud in konsiderazzjoni taż-żmien meta saret, ghandha tingħata prevalenza fuq kwalsiasi dikjarazzjoni sussegwenti li tvarja b'mod hekk sinifikattiv;

Ix-xhud Doris Damato fix-xhieda mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Ġunju, 1994 qalet li meta seħħ l-inċident hi kienet qiegħda ssuq wara l-vettura misjuqa mill-appellat f'distanza ta' "qiesu tul ta' tliet karozzi". Ix-xhud hija kontradetta f'din l-affermazzjoni mill-appellat stess li fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 1995 stqarr mingħajr ebda eżitazzjoni li: "fil-ħin ta' l-inċident ma kien hemm ebda karozzi oħra fit-triq, la quddiemi li stajt nara u lanqas warajja";

Kontradizzjoni oħra bejn il-versjoni mogħtija minn din ix-xhud u l-appellat tirriżulta mill-affermazzjoni li hi kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha wara dik ta' l-appellat "mexijin fil-karreġġjata ta' ġewwa". Min-naħa l-oħra l-appellat qal lill-uffiċjal tal-pulizija li nvestiga l-każ (*vide* okkorrenza esebita fl-atti proċesswali) li qabel ma tilef il-kontroll tal-vettura hu kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata ta' barra!

L-istess xhud Damato tikkontendi li meta marret tagħti l-assistenza lill-appellant hija qaltlu: "Kellek ghalfejn tibqa' dieħel ġo fina?". Affermazzjoni li tkompli tikkonferma kemm din ix-xhud ma kintix qiegħda tirrakkonta dak li fil-fatt verament qalet u li fil-fatt seħħ ghaliex skond il-versjoni mogħtija mill-istess xhud ma kien hemm l-ebda kuntatt dirett bejn xi vetturi;

L-Ewwel Qorti ddikjarat li x-xhieda ta' Charmaine Grech Damato taqbel perfettament ma' dik mogħtija minn ommha Doris Damato. Tant dan mhux minnu li x-xhud Doris Damato

qalet li l-van misjuq mill-appellant kien "ġej b'ċertu veloċità fil-*lane* tagħna" (Seduta tat-28 ta' Ġunju, 1995) ċjoè l-karreġġjata ta' ġewwa. Min-naħa l-oħra x-xhud l-oħra xehdet fl-istess seduta qalet li l-van misjuq mill-appellant kien: "għaddej fil-karreġġjata ta' barra" (seduta tat-28 ta' Ġunju, 1995);

Illi jiġi ssottolineat ukoll li l-Ewwel Qorti mingħajr ebda raġuni valida ma rreġistratx dak li qal it-tifel ta' l-appellant li fil-ħin ta' l-inċident kien passiġġier. Di fatti fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju, 1994 ġie rreġistrat li

"Il-Qorti semgħet lit-tifel ta' l-attur, Silvio Camilleri ta' għaxar snin li dehrilha li għalkemm riedet tisma' l-versjoni tiegħu ma kienx prudenti li ttellgħu fuq il-pedana tax-xhieda biex jixhed bil-ġurament";

Huwa evidenti li l-Ewwel Qorti fl-għoti tas-sentenza tagħha donnha nsiet dak li kien xehed l-istess minuri għar-raġuni ma tat l-ebda konisderazzjoni u lanqas biss irriferiet għal dak li kien stqarr il-minrui. F'dan ir-rispett issir referenza għall-artikolu 564 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jistipula li l-età mhix ta' xkiel sabiex wieħed jitressaq bħala xhud. Dan qiegħed jiingħad anke fl-isfond tal-fatt li l-vertenza odjerna tinpernja ruħha fuq il-fatt jekk il-vettura misjuqa mill-appellat fil-fatt laqtitx lil dik ta' l-appellant;

Għaldaqstant l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 1995 u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-appellat;

L-appellat wieġeb hekk:

Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata;

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ġust tal-provi u x-xhieda tal-każ in kwistjoni, speċjalment meta qieset u apprezzat sew ix-xhieda tal-persuni indipendenti li raw l-inċident iseħħ;

*Illi dawn ix-xhieda huma kompletament estranei u* indipendenti u m'għandhom ebda relazzjoni la mal-konvenut appellat u lanqas ma' l-appellanti stess u x-xhieda tagħhom kienet preċiża u ġiet ġustament apprezzata mill-Ewwel Qorti;

Illi x-xhieda ta' dawn il-persuni indipendenti ġiet korroborata ukoll mill-konvenut appellat u x-xhieda minnu prodotti;

Illi jidher ċar li l-attur appellanti m'għandux argumenti sodi biex iwaqqa' l-provi tal-konvenut appellat u qiegħed sempliċement jipprova jiddiskredita dawk ix-xhieda fuq imsemmija u qed isemmi irqaqat li huma insinifikanti u inoltre ipotetiċi;

Għaldaqstant l-appellat jissottometti li dina l-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

L-aggravju ewlieni ta' l-attur appellant huwa dak li l-

Ewwel Qorti m'għarblitx sew il-provi mressqa. Partikolarment huwa jindika li saret nuqqas ta' konsiderazzjoni għax-xhieda mogħtija mill-perit tekniku, William Cassar Torregiani, li afferma li traċċi ta' żebgħa fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut kienu "simili ħafna" għaż-żebgħ fil-vettura ta' l-appellant, il-kontradizzjonijiet fid-disposizzjonijiet tax-xhieda Doris Damato u Charmaine Grech Damato li ġiet skartata totalment b'mod li lanqas ġiet traskritta x-xhieda mogħtija mill-minuri Silvio Camileri, iben l-appellant;

Din il-Qorti kkostatat li fl-inċident awtomobilistiku in eżami a meritu ta' dan l-appell il-versjonijiet mogħtija min-naħa ta' l-attur (l-appellant) u min-naħa tal-konvenut (l-appellat) huma dijametrikament opposti għal xulxin. Iż-żewġ versjonijiet mhux biss ma jaqblu xejn bejniethom f'dak li hu dettal imma lanqas biss jaslu biex jistabbilixxu jekk fil-fatt kienx hemm inċident jew inċidenti ġara/ġraw taħt il-mina tal-*By-Pass* ta' Santa Venera u ġew danneġġjati kemm il-vettura ta' l-appellant (Marina Van numru C-4255) kif ukoll il-vettura misjuqa mill-appellat (Austin 1100 bin-numru R-9973). Issa l-attur jallega li intlaqat minn wara mill-vettura tal-konvenut, ġie mbuttat 'il quddiem kif ukoll fuq wara. Il-versjoni mogħtija mill-appellat, korroborata minn żewġ xhieda indipendenti jiġifieri minn Doris Damato u bintha Charmaine Grech Damato hija li l-appellat ħabat mal-ħajt waħdu u dana wara li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u li aktar tard seħħ inċident ieħor fl-istess post billi tfaċċa l-appellat li ukoll ħabat mal-ħajt tal-mina f'aktar minn banda waħda b'dana però *li f'ebda mument ma kien* hemm xi impatt jew l-iċken kuntatt bejn iż-żewġ vetturi;

Huwa minnu li mix-xhieda jemerġu ċerti elementi li jixħtu dubbji fuq versjoni u oħra però ċertament kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-attur ma ppruvax dak li huwa ppremetta fiċ-ċitazzjoni tiegħu mill-provi mressqa. Hekk għalkemm huwa minnu *li l-perit tekniku xehed li* sab traċċi ta'

żebgħa fuq il-vettura tal-konvenut "simili ħafna"għal dawk taż-żebgħa tal-vettura ta' l-attur, fl-istess waqt huwa xehed ukoll li ma kienx attrezzat sew xjentifikament biex jikkonkludi l-fehma tiegħu b'ċerta konvinzjoni. Jgħid illi huwa eżamina biċċ żgħira ħafna bil-mikroskopju u sab ħafna somiljanza però qal ukoll li l-vettura ta' l-appellant kienet turi żgur li nżebgħet mill-anqas tliet darbiet. Huwa minnu ukoll li x-xhud Charmaine Grech Damato dehret tvarja l-ewwel versjoni tal-ħabta però *din* spjegat li lis-surġent Agius kienet qaltlu biss kliem fis-sens li rat il-vetturi "jaħbtu" u mhux li "*ħabtu ġo xulxin*". *F'kull każ però kif* ossèrvat l-Ewwel Qorti meta xhedet quddiemha din ix-xhud kienet kategorika li kien hemm <u>żewġ</u> *inċidenti separati. L-istess* affermat ommha Doris Damato. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax avversament fuq il-fatt li P.S. 822 Mario Agius, li nvestiga l-inċident, ma ħassx il-ħtieġa li jindaga ukoll lix-xhud Doris Damato, wara l-inċident. Mill-bqija, diskrepanzi u, kontradizzjonijiet jeżistu kemm fuq naħa u kemm fuq oħra. Per eżempju, il-Qorti osservat li fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li ż-żewġ xhieda nisa, ma kienx jaf min huma u li dawn żgur ma kinux qrib l-inċident eppure dawn tniżżlu mis-Surġent fl-okkorrenza u huma jsostnu li kienu hemm u li l-omm kellmet lill-appellant u ħadet lill-konvenut l-isptar. Dwar ix-xhieda tal-minuri ma jirriżulta assolutament xejn mill-atti proċesswali li l-attur irreġistra xi protesta għall-fatt li dak li seta' qal ibnu minuri Silvio Camilleri meta tkellem ma' l-Imħallef sedenti ma ġiex traskritt. Il-konklużjoni fiċ-ċirkostanzi għandha tkun li dan il-minuri ma xehed xejn ta' riljev jew ta' sustanza għall-fini tal-kawża;

Mis-sentenza appellata għandu jirriżulta b'mod evidenti li l-Ewwel Qorti eżaminat sew il-provi kollha li tressqu quddiemha u m'hemm xejn x'jindika, kif sottomess mill-appellant, li dawn il-provi ma ġewx imgħarrbla kif jixraq jew inkorrettement. L-Ewwel Qorti, di fatti, wara li stabbiliet li kemm naħa u kemm oħra tat *versjoni li tikkontrasta ma' dik*

mogħtija mill-kontro-parti kellha tistrieħ fuq dawk li xehdu ż-żewġ indipendenti *viva voce*. Ma jidhirx li l-Ewwel Qorti tat xi piż lil dak li xehed il-perit tekniku però x-xhieda tiegħu ssemmiet fil-korp tad-deċiżjoni u kwindi lanqas ma ġiet skartata għal kollox. Li huwa żgur hu li l-appellant naqas milli jforni grad ta' prova qawwija biżżejjed, fuq bażi ta' probabilità biex tiġġustifika t-talbiet tiegħu - anzi mill-provi, l-aktar versjoni attendibbli u probabbli hija dik mogħtija mill-konvenut appellat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 1995 fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiċħad l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;